

22000D0921(08)

L 237/70

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

21.9.2000

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 55/2000****tat-28 ta' Ġunju 2000****li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala "l-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

- (1) l-Anness II għall-Ftehim ġie emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 26/2000 tal-31 ta' Marzu 2000 ⁽¹⁾.
- (2) ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1804/1999 tad-19 ta' Lulju 1999 li jissupplimenta r-Regolament (KEE) Nru 2092/91 dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli u indikazzjonijiet li jirreferu għalihom dwar prodotti u affarijiet ta' l-ikel agrikoli sabiex jinkludu l-produzzjoni tal-bhejjem ħajjin ⁽²⁾ għandu jiġi inkorporat fil-Ftehim.
- (3) L-addattamenti għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 ta' l-24 ta' Ġunju 1991 ⁽³⁾ dwar il-produzzjoni organika ta' prodotti agrikoli teħtieġ illi tiġi aġġustata wara l-adeżjoni ta' l-Awstrija, tal-Finlandja u l-Isvezja għall-Unjoni Ewropea,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiġi miżjud fil-punt 54b (ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91) fil-Kapitolu XII ta' l-Anness II għall-Ftehim:

“– **399 R 1804:** Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1804/1999 tad-19 ta' Lulju 1999 (ĠU L 222, tat-13.2.1999, p. 1).”

Artikolu 2

Il-punt 54b fil-Kapitolu XII ta' l-Anness II għall-Ftehim, l-addattamenti għar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2092/91 għandhom jiġu emendati kif ġej:

- (1) Fl-addattament (a), id-daħliet għall-Finlandja u l-Isvezja, li jinkludu d-dispożizzjonijiet, għandhom jit-ħassru.
- (2) L-addattamenti (b) u (ċ) għandhom jit-ħassru.

Artikolu 3

It-testi tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1804/1999 fil-lingwa Islandiża u f'dik Norveġiża, li għandhom jiġu ppubblikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, għandhom ikunu awtentiċi.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar id-29 ta' Ġunju 2000, sakemm ikunu saru n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

⁽¹⁾ ĠU L 141, tal-15.6.2000, p. 46.

⁽²⁾ ĠU L 222, ta' l-24.8.1999, p. 1.

⁽³⁾ ĠU L 198, ta' l-22.7.1991, p. 1.

(*) Ebda ħtiġiet kostituzzjonali indikati.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Ġunju 2000.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

F. BARBASO
